MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Numru 259/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Carmelo Calleja**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Carmelo Calleja ta’ 51 sena, bin Raffaele u Maria Annunziata nee’ Parnis, imwieled Birkirkara fgit-23 ta’ Jannar, 1963, residenti fil-fond numru 151 Triq Santu Rokku, Birkirkara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 67663M.

Akkuzat talli fis6 ta' Jannar 2014 u fix-xhur ta' qabel din id-data, ghamel uzu minn certifikat ta' identifikazzjoni falza xort' ohra minn dak moghti mil-pulizija jew mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari bi ksur tal-artiklu 15(1)A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malti billi wahhal fotokopja tal-licenzja tat-triq ta' vettura ohra li ggib in-numru tar-registrazzjoni IBO256 fuq il-van irregistrat fuq ismu tal-marka Transit li jgib in-numri tar-registrazzjoni FBB297 meta kien jaf li din il-licenzja kienet iffalsifikata.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn 11 –il xahar.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-129 ta' Mejju, 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu l-fedina penali hija kwazi nadifa, ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u ikkunsidrat ukoll il-fatt li kien hemm koperazzjoni shiha mill-imputat fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Art. 15(1)A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Art. 298D tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’ applikazzjoni tal-Arti. 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------